# IT-TIATRU GHAJN TA TAGHLIM

Cotba tal * * *
Moghdija taz-Zmien
* * * Nru. 113



JIMBIEH 2 SOLDI

Proprietà Letteraria
ta
Alf. M. Galea

# It-Tiatru, għajn ta tagħlim

Fuk collox, għajn il għerf ta'r-ruħ hija il Cnisja Mkaddsa: il-*ligijiet* igħinuha, li *scola* tgħarrafha, it-*tïatru*, id-dakka tal mgħallem għal li *scola* u il *ligijiet* u għajnuna għall Cnisja. Niftiehmu: meta ngħid *it-Tïatru*, irrid nfisser ruħi, dac li jitŭakkaf bil fehma it-tajjba, jigifieri li igħallem is-seŭŭa, u is-seŭŭa jurihulec bħall tmissu b'idejc; u fuk hecc, nista moħħi mistrieħ ntenni, li it-Tiatru hua għajnuna kaŭŭija ta li *scola*, tal *ligijiet* u tal *Cnisja Mkaddsa*. Naraŭ dakxejn ŭaħda chemm hu minnu:

Stħajjlu bniedem (tabib, mħallef, mgħallem, ħaddiem, l'icun), għajjien, mchisser b'ix-xogħol, mgħolli għall xi għaŭġ; jeŭ xi ieħor moħħu mtajjar bil gibdjiet il ħżiena li mogħti għalihom; issa, mîn iserrħu dan il bniedem, jecc ix-xeŭkat u il ħsiebijiet tiegħu miġbudin għall art biss, jeŭ jinzerta ma jafx iderri ħlief b'dac li jara b'għainejh?... It-Tïatru!...

It-Tïatru, iżda, jista icun għajn tal akŭa ħsara għalih, jeŭ tal akŭa tagħlim għa'r-ruħ: it-tïatru jista imexxih lejn it-tieba jeŭ il ħażen; inissillu f'kalbu l'imħabba jeŭ il mibegħda; igħallmu is-seŭŭa jeŭ iżîd

igħaddsu f'id-dnub. Imma, mîn jaħsibha tajjeb, ma jistagħx icun l'ifaħħru it-tïatru, chemm il darba dan jonkos m'id-dmîr tiegħu li igħallem ix-xierak, l'igħin il bniedem jifhimha seŭŭa illi jecc ma jokogħdx għal *ligi* t'Alla l'imbierec u ma jismagħx mill Cnisja Mkaddsa tiegħu, it-tagħlim ŭaħdu tal cotba ma icunx jutih, u mîn fuk jagħmillu il ħsara.

It-Tïatru nħolok għal mistrieħ tal moħħ u tal gisem; iżda, biex jista it-tïatru joħroġ ta ragel, jaħtieġlu iżomm dejjem ma din il fehma, illi id-dmîr tiegħu minn fuk il palc icun dejjem l'igħallem isseŭŭa: it-tagħlim ta't-Tïatru jista icun bil mogħdija ta'ż-żmien jeŭ bil għerf, imma dejjem bil fehma kaŭŭija li jagħmel il ġîd.

It-Tïatru jilħak ucoll fejn il ligijiet ma jilħkux bil kaŭŭa collha tagħhom; igħallem bosta actar milli il cotba tal għerf jistgħu ilaħħku b'it-tagħlim tagħhom; ikankallu kalbu lil ħâti jeŭ idaŭŭarlu fehemtu għa's-seŭŭa, għalchemm oħrajn, bil għerf tagħhom u b'ix-xeŭka collha li jagħmlulu il ġîd ta'r-ruħ, icunu għażku fl'ilma, jeŭ tellgħuhomlu; u minchejja fihom, actar begħdugħ m'it-triek it-tajjba! Chemm ħatjin illi il ligi ma ikisuhiex u jagħmlu li jidhrilhom, jakbeż it-tïatru għalina u iŭarrabhom minn bejnietna? chemm ġîd lil xi nies igiegħilhom jagħmlu dan it-tïatru, illi chiecu ankas biss igħaddilec minn moħħoc li għandec tħajjarhom jidħlu għalih? chemm tŭissijiet ta mħabba cbira lejn għajrna? chemm nies saru rgiel b'chelma f'ŭaktha li semgħu minn fuk il palc?

It-Tïatru? .. mîn jilħak miegħu jeŭ mîn jissogra bħalu jiddieħec bil ħażen jeŭ igħolli it-tieba, jeŭ ichexcxec, jeŭ isaŭŭat il bluha?... Trid iżżommu

minn îdu lil bniedem u teħilsu m'it-tiġrib x'ħin jidhirlec li xejn actar ma bakagħlec x'tagħmel biex tfiehmu id-dmîr tiegħu? Kaŭŭilu ruħu billi teħilsu mill bluha: jecc dan jirnexxilec, int rbaħtu! Issa, it-tïatru kisuh mèra li fih lil iblah turih id-draŭŭjiet tiegħu il ħżiena; u x'ħin jintebaħ li in-nies tiddieħec bihom daŭn id-draŭŭjiet tiegħu, jilħak drabi jidħol fih in-nifsu; u dac li il ligi u il cotba u il ħbieb ma setgħux isibu rcabtu tiegħu, it-tïatru jirbħu u irażżnu bil kaŭŭa ta's-setgħa tiegħu. Kuddiem sħabu, l'iblah iżomm ruħu u ikîs li jaħbi għaŭŭaru; imma, x'ħin it-tïatru jicxifhomlu, għâd li ma icunx isemmi u la fuku u ankas fuk ħaddieħor, iħoss f'kalbu it-tnigghiża ta dic id-daħca: jecc ħabib tiegħu jaħbat iŭissieh għal gîd jeŭ nchella igħajjru, arah jieħodha miegħu, imma ħaġa żgħira jecc jibkgħulec ħbieb; iżda, jecc dan il ħabib tiegħu jiddieħec bih, ma jaħfirhielux, le, chif gieb u laħak! It-Tïatru biss jista jiddieħec bil bluhat collha tal bniedem bla ma ħadd jista jieħodha miegħu: jecc xiħadd jaħbat jitchellem, in-nies iddur għalih u tgħid-lu: "Mel'int? u mela għalic li kalu fuk il palc?" U dac l'icun jidħol geŭŭa koxortu, u jibka jafulu l'it-tïatru ta't-tagħlima li tgħallem minnu fuk il palc bla ħadd ma ntebaħ li ntkâl għalih!

Biex niftiehmu, u le ma nżżejjen b'rix ħaddieħor, tajjeb li tcunu tafu illi dac li għidt s'issa, fissirtulcom minn fuk il gażżetta "*Il Rinascimento*" ta settembru ta's-sèna 1892, miġuba f'it-II Ctieb tal "*Letteratura Italiana*" tal għaref Cesri Cantù, tibda mill facċ. 935.

B'dan il ħsieb, b'din il fehma it-tajjba, il Giżuiti daħħlu it-Tïatru (b'is-subjien biss) fil culleggi tagħ-hom, daks tliet mija u ħamsin sèna îlu; u għâdhom

sa'l-lum xorta ŭaħda. Is-sèna 1706, f'it-tïatru tagħhom, giebu it-*Telfa ta' Gerusalemm* u il *Passioni ta Cristu.* Laħku l'it-tfâl tal culleggi ħaduhom ucoll għand il barranin biex jierġgħu itennu ix-xêni l'icunu għamlu f'it-tïatru tagħhom; l'it-tfâl tal culleġġ ta Rejms (*belt ta Franza*) ħaduhom f'is-saltna ta Ŭigi XV għal żifna kuddiemu, meta giè iccunsagrât sultan ta Franza; u daŭc ta Parigi, tenneŭ f'it-Tŭilierì " *It-Taħbit tal Cbarât.* " U, għax tgħid! daŭc iż-żmienijiet, chienu għâdhom ma fehmuhiex illi it-Tïatru ctieb ħajj ta tagħlim cbir; il kassisin chienu iŭissu l'in-nies li ma jierskux lejn Tïatri; u x'ħin is-sultan ta'd-Danimarca ŭasal ŭasla sa Parigi, u De Muy il ħabib ta bin is-sultan Ŭigi XV, mâr ħâdu idur mal belt, x'ħin ŭasslu f'bieb it-Tïatru, telku jidħol ŭaħdu, għaliex kallu illi ruħu tniggżu jecc jiersak l'hinn! Daŭc iż-żmienijiet, b'dana collu, id-dinja chienet tixxala bi ħŭejjeġ oħra, illi ma hemmx għalfejn nokogħdu nsemmulcom fukhom; u għâd illi ruħhom nistħajjilha chienet tniggħiżhom, ankas biss chienu jaħsbu jitbegħdu minnhom daks chemm moħhom f'ir-riħ u mimlijin bihom nfushom: tlellix, cburija, żŭiemel, lbies, lakagħt ta coll filgħaxjia, ħbieb, taħlit, żiajjar, rekka fl'ichel u bosta agħâr!

It-Tïatru, meta jitbiegħed mill fehma tiegħu, mill fehma it-tajjba li għaliha nħolok, għajb għalih! isir għajn ta tagħlim mgħaŭŭeġ, ta gibdjiet il ħżiena, u fuk hecc naħseb il kassisin chienu jiħduha għalih f'iż-żmienijiet li semmejna u jibkgħu dejjem iŭissuna fuk it-tïatri li igħallmu li m'hux xierak; imma, bħalma is-sicchina nħolkot biex takta biha li ħobż, u m'hux biex toktol il għajrec, hecc it-Tïatru u ic-Cinematogrâf

tŭakkfu biex jagħmlu il gîd, billi igħarrfuna is-seŭŭa u iŭissuna għall aħjar tagħna u igħallmuna hafna ħŭejjeġ sbieħ, u iserħulna moħħna bil mogħdija ta'ż-żmien, u m'hux le biex joktlu ir-ruħ, jeŭ talankas għall kliegħ biss tal flûs ta mîn ŭakkafhom.

Fi żmienijiet il Grieghi u ir-Rumani, daŭn it-Tïatri chienu micxufin u jiesgħu l'eluf ta'n-nies; chienu isejjhulhom *Anfitïatru* jeŭ *Circu*. Jecc geŭ f'idejcom fost il "Cotba tal Mogħdija taż-Zmien" il *Fabïola* jeŭ il "*Quo Vadis*" jeŭ "*Fl'Anfitïatru ta Birsa*" u krajtuhom, tafu biżżejjed x'chienu daŭc it-Tïatri u l'Anfitïatri f'iż-żmienijiet l'imgħoddija: f'it-Tïatri ta żmiena'na, ma isirx il ktil tasseŭ; iżda, bosta drabi, jaħasra għalihom, il ħsara cbira ta'r-ruħ li jagħmlu, mîn jista ikîsha? U dac m'hux ktil mill akŭa?

Bil ħsieb l'isir il gîd, biex ŭieħed isîb igħaddi dic is-siegħa żmien ŭakt li jitgħallem xi ħaġa għall aħjar, tŭakkfu tïatri tajjba. Fosthom, hemm dac ta'd-Domus ta tas-Sliema; il fuk mill palc, tistgħu taraŭ il fehma tiegħu f'dac ix-xogħol ta dehen u ta rekka cbira ta Calì, li gibnielcom fil bìdu ta dan il ctieb u l'irid ifisser daŭc il cliem ta San Paŭl Missierna meta chiteb l'in-nies ta Filippi (IV, 8) jitgħallmu iħobbu "*Quæcumque sunt vera, quæcumque pudica, quæcumque justa, quæcumque sancta, quæcumque amabilia,*" jigifieri: Dac li minnu, dac li xierak, dac li seŭŭa, dac li ta kdusija, dac li ta mħabba ħanina — B'din il fehma, b'din it-tâma, mbniet il "*Juventutis Domus,*" b'it-Tïatrin tagħha u l'Oratorju Salesian tagħha, chif għidnielcom fil Ctieb in-Nru. 80, dac li semmejnih "*Ulied Dun Bosco f'Malta.*"

Ma tiltakagħx ma Istitut Salesian li ma għandux

it-tïatru tiegħu. Kabel ma nbniet id-Domus, l'Istitut Salesian ta San Patriziu chellu Tïatrin ucoll; iżda, la darba id-Domus nzertat bisŭit l'Istitut l'ieħor, u it-tnejn ħaġa ŭaħda f'idejn is-Salesiani, daŭc ta San Patriziu jinkdeŭ b'it-Tïatru ta'd-Domus, xorta ŭaħda.

B'dan il ħsieb u b'din it-tâma ucoll li minn għalina ncunulcom dakxejn ta gîd, f'daŭn il Cotba tagħna drabi ngibulcom x'uħud mill *Cummiedji*, *Drammi* u *Farsi* l'icunu għamlu it-Tfâl tal Oratorju Salesian ta tas-Sliema f'it-Tïatru ta'd-Domus jeŭ it-Tfâl tal Oratorju Salesian ta Birchircara f'it-Tïatrin tagħhom, biex daŭc l'iridu jinkdeŭ b'dan ix-xogħol tagħhom għall xi tïatrini oħra, merbħa bihom.

Fil faċċ. 66 tal Ctieb in-Nru. 112, issibu l'ismijiet tal Cummiedji, Drammi, Buzzetti u Farsi li sa issa ħriġna f'daŭn il *Cotba tal Mogħdija taz-Zmien*; fihom it-tagħlim ġmielhom.

*Tas-Sliema, Nhar il Kaddisin Collha, 1911*

Alf. M. Galea.

Raffaele Altavilla

# IX-XEHHA U IL HNIENA

CUMMIEDJA F'ATT ŬIEĦED



*It-Tïatru tal "Juventutis Domus"*

Mfissra bil Malti ✳
minn Alf. M. Galea

## Fuk il Palc

---

OTTAVJU

GIULJU, *ibiegħ f'ħanut*

INDRI, *ħu Ġiulju, inċiżur*

LUKA, *seftur.*

# IX-XEHHA U IL HNIENA

*Dár żgħira ta'ż-żeŭġt aħŭa Indrì u Giŭlju; egħmara ta fkajjrin. Dakxejn ta mejda f'genb ŭieħed; fukha xi ħdejjed ta incizur u bcejjeċ tal għuda. F'in-nofs, nitfa ta mejda oħra. Dieħel il-lejl; daŭl ta lampa. Tieka minn naħa il ŭaħda. Żeuġ bibjien fil genb; u f'kiegħ il Palc, bieb ieħor li jati għa't-taraġ. Ċumnija ma'x-xellug.*

## L'EŬŬEL XENA

Luka *bil beritta bajjda u fardâl ta côc jifrex il mejda ta'n-nofs, u ikiegħed platti u mgħaref għal tnejn minn nies.*

L. Dan x'riħ hu?... u ix-xìta nieżla bil kliel! għidli, żmienu: daħlet ix-xitŭa seŭŭa. Il-lejla, ir-reżħa kaŭŭija, nħossha dieħla ġo'l għadam. Dakxejn ta nâr ta'ċ-ċumnija, chiecu jaħjieh, jaħasra, lil dac it-tifel la jinġàbar! Nistħajjlu kiegħed iterter

bil bard!... Iva, aħjar naħseb nchebbisha; talankas isaħħan idejh la jidħol id-dâr; mill bkija, din il caŭlata li sajjartlu, issaħħnu tajjeb ninn geŭŭa. Dac, jaħasra, colma jiecol dac it-tifel!... tarah, tgħid li bin il għonja u il xejn ma jonksu, daks chemm hu fuk ruħu u jaħdem dejjem. Donnu igħix b'ir-riħ; għasfur jiecol actar minnu! Li colħadd jinzerta bħalu, jeŭ il côc jarma il carrozza, jeŭ jinkasam bl' ichel, daks chemm jibkagħlu għal sehmu... Côc?... u jien côc?... hŭa côc biex isajjar il caŭlata?... Imma, issa hecc kagħdet!... daŭc chienu żmienijiet oħra... tal ħaxix, tal laħam... colħadd, ħejj, isellimlu lil Luka!... U b'dan collu, jecc chiecu katt icun jinħtieġli nitlak din il beritta u dan il fardâl, nistħajjilni ser jicsruli snieni! Bin côc li ħuh chien côc ucoll, u tibka sejjer hecc sal bużnannu, nista ngħid, u nitħajjilni mŭieled geŭŭa chcina... u issa, ŭara sitta u erbgħin sèna li îli nagħmilha ta côc, arani issa f'din id-dakxejn ta gorboġ, nsefter, nicnes, nimsaħ il għàbra, u hecc... biex nakdí daŭn iżżeuġt itfâl... għaliex? eħ!... għaliex xortija ħażina!... Għaliex xjieħt u riġlejja ma jilfilħunix iżjed, ħtieġli nitkanna u nitlak collox u ninġàbar haŭn; dan hu il għaliex! Jigifieri, ŭara li tħabatt għomri u żmieni, issa għaliex is-snîn għaddeŭ ninn fuki... xi ħtija għandi jecc iż-żmien għadda u mâr, biex nsîb ruħi haŭn bħal ħmâr marbut mal mitħna, nitħan, il kamħ... Il kamħ?... ankas dan ma jafu bih haŭnhecc: u Luka irid jokogħd għal collox... bħal dac il ħmâr!... x'ħin naħseb fih dac il ħmâr tal mitħna, li ŭara l'icun ħàdem

għomru, fl'aħħar, niexef u għadmu barra, jitilkuh għal geŭŭa miżbla, u is-sŭat ma jonksux; u mbagħd... daktejn għuda, joktluh, ikaxxruh... (iħabbtu il bieb) Mîn giè, tgħid? Mehux is-sur Indrì, għaliex dac, kabel idokku is-sebgħa, ma jagħlakx il ħanut, daks chemm hu lħiħ... ikaxxar bergħud għall ħabba... (*jarġa iħabbat il bieb*) Gejj! gejj!

---

## IT-TIENI XENA

Is-sur Ottavju *u l'ieħor*

O. Iftaħli, għall erŭieħ, daks chemm nieżla xìta!... Nixtiek nchellem l'is-sur Indrì.

L. (*jiftaħ*) Is-sur Indrì, m'hux haŭn.

O. Ngħid lilec, mela, biex chiecu tgħidlu la jigi.

L. Okogħd, dalŭakt miegħec!

O. (*jagħlak l'umbrella*) Dàlam cmieni il-lum, daks chemm is-sèma magħluk u ix-xìta nieżla.

L. Nieżla, ngħid! Nieżla xmara; u int, sinjur, bħalchiecu mixtiek minnha, donnoc mort kgħadt taħt miżjeb!

O. Ħtieġli nagħlak l'umbrella, għax ir-riħ ried jieħoddhieli: nħossni mxarrab sal għadam.. Jigifieri, is-sur Indrî m'hux haŭn, hux?

L. Le, sinjur. Imma, ma jistagħx jiddaŭŭar ŭisk; daks nofs-siegħa oħra, nistħajjlu jingàbar. Actarx li f'is-sebgħa jigi; u għa' s-sebgħa, kajla bakagħ nofs-siegħa.

O. Jaħtieġli nchellmu fuk ħaġa li tcun tisŭielu seŭŭa... fuk xi nciżionijiet għal gażżetta cbira bli stampi; u jaħbat tajjeb magħha, għaliex tħallas.

L. Ħsibtha, sinjur, ħsibtha tajjeb, għaliex is-sur Indrì jinkala' ħafna għal daŭn ix-xogħlijiet. U tafx chemm hu minn tagħna! Xortih, jaħasra, ma tgħinux, għaliex chiecu... ma'rridx eŭŭilla ngħid li...

O. Chif ?... xortih ma tgħinux ?

L. U iva, ridt nfisser ruħi li hu jaħarbilha lil xortih u m'hux illi xortih taħarbu. X'nista ngħidlec ? jaħdem, jaħdem dejjem, u katt mistrieħ ta xejn, u xejn ma idaħħal f'bûtu.

O. Din chif inhi, li ma jakla' xejn ?

L. (B'dan l-lsieni tŭil, dejjem ngħarrak collox!) Fhimt li ngħid, li dari chien jokogħd billi ituh; imma issa, sa fl'aħħar, bèda jifhimha li dac ix-xogħol jitħallas tajjeb.

O. Mela issa jitħallas tajjeb!...

L. U iva... (rġajt għarraktha actar!) u iva, sinjur, nista ntîc chelma li joħroġ ta raġel miegħec. Hecc chif int tarah, tingibed lejh, daks chemm għandu kalbu tajjba : ŭiċċu, ŭiċċ it-tieba.

O. Iva ?... iva ?...

L. Ngħidlec, sinjur, li kalbu f'idejh.

O. Ta bla râs, bħalchiecu ?...

L. Râs chiecu għandu biżżejjed biex imexxiha iddgħajsa ħażin ħażin ; mill bkija, kalbu tajjba... tajjba... tajjba għall aħħar ! Tarâx ; billi jakla, chien jista jarma dâr suriet in-nies, u igħix ħajja tajjba... Minn dana collu, xejn li xejn ; għaks ta caŭlata, belgħa mbît, nakra ta sodda, u nitfa ta cella ta cabuccin !

O. U bil flûs, mela, x'jagħmel? Tgħid, iberbku?...

L. Iberbku, ma iberbkux!... imma, hu igħid li dac l'ifaddal, iżommu għal fokra... u dan is-sur Indrì, daks chemm hu ta kalbu ħanina, ifaddal collox għalihom... Minn għalih, igħaddi b'collox... collox igħodd għalih!

O. Iva, iva, jigifieri ħanin bosta, hux?

L. Il ħniena timxi fl'art, sinjur! Imma, okogħd bilkiegħda; ersak dakxejn ŭaħda lejn in-nâr biex tisħon sa jigi is-sur Indrì... Erħi f'idejja dac l'overôl, ħalli nfarfarlu l'ilma... joktor, daks chemm kalagħ xìta fuku.

O. F'ħajjietec, ħija.

L. Ħaġa żgħira, sinjur; ħaġa ta xejn. Tafx chemm kiegħed nifraħ, tgħidli li ser ittih ix-xogħol biex jaħdmu id-dâr, m'hux irid imur ifittxu u jiġri u jittallab, biex mbagħd kajla x'jakla! (aħ, dan il-lsieni!) Ersak actar lejn iċ-ċumnija, sinjur; tridx nżîdlec il ħàtab?

O. Le, le, hecc tajjeb... Jaħdem, mela, barra m'iddâr ucoll, is-sur Indrì?

L. Mela, mela, sinjur!... u iva, xi drabi... bħallichiecu dil ħàbta... Imma, xogħol id-dâr ma jonksux... Ħâres dakxejn ŭaħda, x'għandu fuk din il mejda... chemm ħdejjed cbar u żgħar u ħoxnin u rkâk, u daŭc il carti maħżużin minn idejh: humiex sbieħ, sinjur?... colmîn jifhem, igħid li huma tal għageb.

O. (*ħares lejhom b'ir-rekka*) Sbieħ... sbieħ mill actar! Daŭn xogħlijiet ir-rjus il cbar!...

L. U b'dan collu... chif għidtlec, sinjur, xortih f'ìdu, jecc katt chiecu irid; u dan l'imbierec jagħalkilha

il bieb f'ŭiċċha hecc chif taħbat tersaklu fuk il għadba... Kalbu tajjba, sinjur; eh! Alla għâd iħallsu għal kalbu... tigi is-siegħa tiegħu! il ħniena tiegħu, Alla l'imbierec iħallsu tagħha.

O. Għandec tcun l'int tħobbu, milli nista nara.

L. Nħobbu? .. chif nista ma nħobbux?... Hażin għalih mîn katt jaħbat jiersak fuku! Ili tliet snîn magħhom, nakdiehom f'collox... tliet snîn îli f'din id-dâr, u nistħajjilni rabbejtu jien lil dan it-tifel. Xi ħleŭŭa miegħu! xi draŭŭjiet tajjba! dan anġlu, sinjur! tagħġnu chif trid, għax donnu ħaruf! u għalchemm jinkala' tajjeb għa'x-xogħol, chiecu biss katt jitcabbar! Kattx joħroġ idur? kattx imur it-tïatru jeŭ jixrobloc xi grog? katt xejn, katt! aħdem biss, u aħdem dejjem!

O. Nħossni nitgħaxxak billi kiegħed issemmili fuku dan is-sur Indrì, għaliex għall ŭieħed li jinkala' bħalu f'ix-xogħol, u għâdu fl'aħjar tiegħu, ħaġa tal għageb igîb ruħu hecc ta ragel!

L. Ragel fuk li ragel, sinjur; u ragel, ngħid!

O. Egħnilli li îlec tliet snîn biss magħhom!

L. Tliet snîn, iva; minn Santu Stiefnu l'haŭn.

O. *Magħhom*, jigifieri illi actar minn ŭieħed; barra, mela, m'is-sur Indrì, hemm xi ieħor.

L. Iva... imma, biex ngħidlec is-seŭŭa, ankas biss xtâkt nsemmih lil ieħor; l'isem ta's-sur Indrì, joħroġli għasel minn fommi; ta ħuh, ankas ma irrid chiecu niftacar fih.

O. Issa fhimt: mela, is-sur Indrì għandu ħuh, hux?

L. Kalb jiebsa, u xħiħ u rgħib u lħiħ mill agħar. Għâdu b'ħalib ommu fuk xoftejh bil għoxrin sèna collha tiegħu, u kalbu tal ħadid! Jaklagħha

ġmielu, għaliex jakdi lil ŭieħed tal akŭa stôrs ta'r-raħal; mħallas tajjeb barra minn xi kliegħ ieħor barrani, għaliex sîd dan il ħanut jitlak f'idejh igħassed hu, u igibu bosta... U dac it-tifel ta bla kalb... is-sur Giŭlju, xħiħ, rgħib u ħiħ... puh għalih! jara x'jara, fakar, għaks, trabi jibcu bil ġugħ jitolbu chisra ħobż l'omm-hom, u din ma għandhiex x'ittiehom u tibchi... u xejn ma jittiesef... Chiecu katt joħroġ ħabba minn ġo butu, u iħenn għal għajru!... xħiħ!... xħiħ!... xħiħ!...

O. Nħossni nagħli għalih... nagħli ħafna!

L. U chif tista ma tħossocx tagħli geŭŭa fîc x'ħin taħseb li dan id-dnub iblah u mokżież ta'x-xeħħa illi icherrah saħansitra ix-xiħ... chemm u chemm actar titħassru it-tifel illi icun ŭakagħ fiha din il marda, illi għall ebda xejn ma irattabha kalbu, ankas jecc jara il missieru bil ġugħ!...

O. Iva, nitħassru tifel hecc! għaliex jecc biss biss, għâdu tarbija, ma iħennx għal għajru u igħinu milli jista; mkâr m'hux għaliex xħiħ, la darba jiċber, jibka biex jitfixchel f'ix-xeħħa u ir-regħ-ba tagħilbu.

L. Collu minnu; miegħec ngħid jien!

O. Imma daŭn iż-żeuġt aħŭa, jinsâbu iltiema?... ma għandhomx ħadd minn nieshom itiehom dakka ta għajn... iŭissiehom?

L. Giè li semmeŭli li għandhom iz-ziju... Is-sur Indrì igħid li dan zijuhom missu jagħmilha tajjeb seŭ-ŭa; imma, jista icun ucoll li tilef il gîd li chellu.

O. U tâf xejn tgħidli fejn igħidu li jinsâb dan ziju-hom?...

L. Jidhirli fl'Ulanda. Iżda, huma ma jafuhx, għaliex katt ma rauh b'għainejhom.

O. X'igħidu ?... x'igħidu għalih ?

L. Tisimgħu isemmi fuku l'is-sur Indrí, collu mħabba u dejjem b'it-tâma li għâd jiltaka' miegħu dan zijuh u igħannku. Meta isemmih, għainejh jiħmarulu, u igħidli : "M'hux, jaħasra, li cont fil krîb tiegħu dan iz-ziju tiegħi... ħu ommi !... Niftacarha l'ommi dejjem tgħidli chemm hu ta kalbu tajjba !..." M'hux għalhecc ngħidlec li dac it-tifel donnu anġlu ?...

O. U l'ieħor... Giŭlju ?...

L. Issemmilix... issemmilix !... Mal chelma *iz-ziju*, jiżbel, jixtieklu id-dèni... icolli nsodd ŭidnejja biex ma nismagħx ! "Dac... dac..." jakbad igħid "dac jagħmilha tajjeb... igħum fil gîd u aħna fil għaks... dac ix-xiħ..." u mbagħd jakbad jitgħajjar... Ħallini, sinjur, ħallini!... ankas ma' rrid niftacar... Xiħadd tiela' it-taraġ... le, smajt ħażin!

O. Imma, kiegħed naħseb, la darba issa is-sur Indrì jidħol id-dâr, icun għajjien mejjet... maktul b'ix-xogħol... u ma jigix minnu isibni haŭn... icun irid jiecol xiħaġa... u m'hux ta mîn ichellmu fuk xogħol...

L. U le!... int gejt biex ittih biċċa xogħol seŭŭa... u m'hux ta mîn jitlifha...

O. Daks elf scût xogħol...

L. Elf scût?... elf scût?... u ngħid hux sejjer jifraħ!... Ma din il chelma, jinsa il egħja... din il chelma issaħħru... u actar jiecol bil kalb...

O. Le... le... nchellmu ŭara l'icun chiel.

L. Sinjur... Jaħasra, ittennih...

O. Immur u nerġa nigi dalŭakt.

L. Tmur?... Toħroġ f'ix-xìta?... isimgħu x'ivenven ir-riħ (Aħjar jibka haŭn, li ma imurx ma jigi xejn! m'hux ta mîn jitilfu xogħol ta elf scût!)

O. Saħħa, mela! nerġa nigi dalŭakt.

L. (Rasu jiebsa!) La darba trid tarġa tigi, iva stennieh haŭn... idħol f'camarti... ntîc daûl... u x'ħin icun chiel, kajla x'idum jiecol, sinjur! tcun tista tchellmu chemm tixtiek kalbec.

O. Nibkgħu hecc, mela; nittennih hemm... Imma... la 'ttarrflu xejn fuk li għidna.

L. Ankas niftaħ fommi, sinjur! (*jixgħel id-daŭl*) Idħol... idħol: din id-dakxejn ta camra tiegħi... nadifa ġmiela, hux? xi tridni ngħidlec? għax jien mdorri fl'indafa, fi djar cbâr... u issa!... imma, ħallina minn dan... (*jidħol ma Ottavju, u jarġa l'ura ŭaħdu*) Xiħadd tiela ma 't-taraġ... naħseb li is-sur Indrì, għaliex dac dejjem jinġàbar kabel (*tisfira*) L'ieħor!... Gejj, gejj. Iva, ma jitgherbibx xi darba ma't-taraġ! (*tisfira oħra*) Arġa sàffar! (*jiftaħ il bieb*)

---

## IT-TIELET XENA

GIULJU *u l'ieħor*

G. Tidher li kiegħed tixjieħ... ittarraxt għal collox!

L. Ma 'ttarraxtx xejn... nisma nemusa għaddejja.

G. Xiħ bla râs, għaliex bkajt issa tħâres lejja donnoc

scantât? ma taranix mxarrab fellus... noktor noktor?... eħles, neħħili minn fuki dan il cappott u farfru tajjeb!

L. U l'ankas umbrella ma għandec?

G. Dac l'iblah ta ħija, ħâdha miegħu dalgħodu!

L. Dic, ħŭejjġu! Għaliex ma tixtrix oħra, int?

G. Meta hemm ŭaħda f'id-dâr, għalfejn tridni nixtri oħra?... Hua hecc, tixtri!

L. Chif trid li tinkdeŭ biha it-tnejn, la darba ŭieħed imur il lvant u l'ieħor il punent?

G. Ma nafx!... ma għandix mnejn!

L. Dejjem għanja ŭaħda! Għaliex int, sinjur, dejjem tibża idaħħal idec f'butec.

G. Eħles, neŭŭilli l'overôl l'ieħor u aklibli il caŭlata. Għandi ġugħ ta chelb, ma nara xejn!

L. Iva, ma tittenniex il ħûc?

G. Isa, eħlisni... għandi il ġugħ, għidtlec!

L. Gejj... gejj... isimgħu tiela it-taraġ (*jitlak minnufih jiftaħlu il bieb*) Sur Indrì, tgħaggel xejn... ara ma tmurx takagħ f'it-taraġ, għaliex mxarrbin bl'ilma... âfli jiżolku... ħalli ngiblec id-daŭl... u dalŭakt miegħec.

I. (*m'it-taraġ*) Ma hemmx għalfejn titħâbat... collox seŭŭa, Lûk.

G. (*igħodd il flûs u takagħlu biċċa ta tmintax rbiegħi, u jiġborha minnufih mill art*)

L. Morna tajjeb il-lum, hux, sur Giŭl?

G. (*mfantas*) U x'tajjeb .. tajjeb ta rasec?

L. (Xħiħ, xħiħ, xħiħ!)

---

## IR-RABA' XENA

INDRI *u l'oħrajn*

I. Haŭn jien!

L. Mxarrab xraba, nistħajjlec!

I. Le m'hux ŭisk; chelli l'umbrella.

G. U jien bkajt mingħajrha!...

I. Stajt ħaddtha, li ridt, għaliex int ħriġt kàbli; u, minn għalija, b'kalbi collha cont ntihielec. Chif mort ixxarrabt, jaħasra, Giŭl!.. Ara, ara, messni tajthielec. Cont kiegħed naħdem, u ma rajtecx ħiereġ: aħfirli, Giŭl... ħtija tiegħi!

G. Iva, iva... issa dan hemm!

I. Chif ħbatt il-lum, Giŭl, eh? klajna xiħaġa? (*Luka idur ma Indrì, jixxuttah mill aħjar li jista*)

G. Chif tridni naħbat?... dejjem xorta ŭaħda: daŭc l'erba' ħabbjiet, u xejn actar.

L. Il-lum, iżda, xiħaġa tal fidda klajtha ucoll!

G. X'fidda... fidda!

L. Egħnelli, dal ħin ŭakegħtlec dakxejn ta tmintax rbiegħi fl'art! U iva, xiħaġa tal kliegħ ta bla ħsieb!

G. Fejn sejjer b'rasec, int! kliegħ ta xejn... nitħâbat biss...

I. Jien, iżda, mort tajjeb ġmieli: daħħalt ħames scuti... u jecc jinħteġulec...

L. X'inhu?... u x'jambiehom ħûc daŭn il ħames scuti tiegħec, meta hu għandu ħafna moħbijin?...

G. Trid tiscot, int?

L. Hua is-sur Indrì dalŭakt icollu ħafna hua ucoll...

u naħseb naħbihomlu jien, u ngħassislu għalihom, li ma jarġax minnufih juriehom id-daŭl, bħalma għamel darb'oħra! *(iħares lejn Giŭlju biex bħallichiecu " int tâf fejn marru ! ")*

G. (*jitlagħlu)* Xi trid tgħid biha din, ħmâr?

L. Jien?... xejn, xejn!... irrid ngħid li is-sur Indrì dalŭakt icollu ħafna...

I. Ħa! ħa!... u mnejn tridhom jiġuni, Lûk?

L. Nâf x'kiegħed ngħid, sur Indrì!... Hemm xogħol għalic, ħum!... Mal elfejn scût xogħol...

I. Elfejn scût?... u le!...

G. Ħa! ħa! belagħħa, arax!... Iss'int ma tarax li dan ix-xiħ bàttal l'aħħar flixcun li...

L. Ma missejtx mbejjed jien, tâf; u aħjar għalic ma niftaħx fommi u ngħid collox!

I. X'inhu?...

G. Tchellem, mela, ħalli naraŭ biex gejj!

L. Ma nistagħx, għaliex dac is-sinjur...

G. Liema sinjur?

I. Lûk, għidli, trid?

L. Għaliex f'id-dinja... għax, ma tafx?... (Imma, jien x'ridt nsemmih?) għaliex... għaliex dac is-sinjur ma riedx ichellmec kabel ma tcun chilt; u jien, daks chemm tlabtu, kagħad jittenna.

G. Ħa! ħa!... għall daŭc l'elfejn scût xogħol, hux?

I. Imma, jidhirlec illi seŭŭa tħallih jittenna hemm, Lûk? f'dic id-dakxejn ta camra?

L. Ħin ŭieħed... u dan m'hu xejn!

I. Sinjur, sinjur, aħfirli jecc... (*jiersak iħares lejn geŭŭa)*

## IL ĦAMES XENA

OTTAVJU *u l'oħrajn*

O. Minn għalija, jaħasra, xtakt chiecu (*iħares lejn Luka, u dan ikiegħed sebgħu fuk it-tarf ta lsienu*), ma nicsirlecx rasec dalħin.

L. U dan m'hux xejn, sinjur!

O. Imma, jaħasra, mûr jiecol: nittenna dakxejn; ma fiha xejn... m'injiex mgħaggel.

G. (X'inhù iħares lejja, dan!)

L. Ma jistagħx icun nħallîc tittenna, sinjur. X'nista nagħmel għalic?... Miegħec jien!

O. La darba tixtiek hecc, nibda biex ngħidlec li gejt għandec, għaliex colħadd ifaħħrec...

L. Sinjur...

O. Daŭc li staksejthom għalic, ilcoll kaluli chemm taħdem b'rekka cbira f'is-sengħa, u chemm int minn tagħna u chemm tinkàla... "

L. Issa ma nafx x'nakbad ngħidlec, sinjur! Nagħmel mill aħjar li nâf... mbagħd...

G. (Dan it-tifħir collu, x'iridu?)

O. Nifraħ li ltkajt miegħec... U dac is-sinjur?

L. Dan ħija.

O. Ah, ħûc? (*Giŭlju isellimlu bi tbissima ta tmakdira fuk xoftejh*) U'l ħadd ma għandcom iżjed?

L. Bkajna ltiema, sinjur; jien f'it-tnax il sèna minn tiegħi, u Giŭlju meta lalak l'erbatax il sèna. Minn dac in-nhar, ħtigilna nibdeŭ naħsbu għal ħajja bil għarak ta ġbin'na.

O. Hua missiercom xejn xejn ma ħallielcom?

ngħidlec is-seŭŭ, ma nistagħx nifhem xi trid tgħidli b'dana collu.

G. (*lil Luka*) Ma jidhirlix li dan xogħol ta elfejn scût!...

L. X'inhu iħarriflu ?

O. La titlaknix... int... talankas! Tlabt il xiħadd igħin'ni... Dan ŭarrabni minn kuddiemu: " Mûr għall xogħloc!" kalli; " itlak, mûr u ħallini, isa! " Na nâfx lil mîn nakbad nitlob... semmeŭli l'int ta kalbec tajjba... Jien, jaħasra, nsîb ruħi ma għandix x'nitma l'uliedi... kegħdin imutu bil ġugħ... Tigini tkila bosta immur nittallab f'it-torok... chiecu immut bil mistħija...

L. u G. (*iħarsu lejn xulxin u dejjem actar jistagħġbu jisimgħu cliem Ottavju*)

L. (Din issa aħjar!)

G. (Tifhem, issa, x'għamilt b'idejc, eh?... Tallâb... u mîn jâf hux xi ħalliel ucol l'int mort daħħaltilna id-dâr!)

L. (Id-demm nħossu jitlagħli għa'r-rasi!)

O. Ħenn għalija... int, talankas!... Alla l'imbierec iħallsec talli tagħmel miegħi... it-tfâl jibculi, u jien ma nafx iżjed fejn nati rasi.

G. (Kiegħed itellagħhomli seŭŭa!)

L. (Nakbad fih, nitfgħu il barra b'is-sakajn!)

I. Mischin! ma nafx x'nixtiek nagħmel biex ngħinec, jaħasra!

L. (U jien, b'is-saħħa li bakagħli, nixtiek naħtfu mn'għonku u nitfgħu barra m'it-tieka)

I. (*iħares ħin ŭieħed lejn Luka biex isicctu*) Xtakt jaħasra, iva, sinjur, ma nafx x'chelli, biex chiecu ngħidlec: Ħa colma jinħtieġlec... ħa, biex tixtri li trid għall uliedec... Daŭn li scuti... "

G. (*jicsirlu cliemu b'is-saħna*) Xi scuti huma, int, sur; haŭn ma għandniex u la scuti u la ħbûb. Ngħixu b'li nakelgħu għal ħobżna ta coljum, chif imissec tagħmel int, u m'hux tigi tindehes fi djar ħaddieħor...

I. (*jieħodha miegħu*) Giŭl !!!

G. (*lil ħuh*) Iva!... iva!... akbad u tàjjar li scuti mill elf li għandec maħżuna, sur conti ta ma nafx fejn!

I. Tieħux għalih, sinjur!... Jaħasra, minn għalija jien ntîc colma għandi fil carûs; imma, sinjur, x'tista tagħmel bil ftit li ġbart?

O. L'ittini... nieħdu, sinjur; għalija collox igħodd... mkâr chemm uliedi jitrejjku il-lejla...

G. Jeŭ biex jixrob żeuġ triezi mbît! ħa! ħa!

I. Giŭl, iva iscot, għall erŭieħ! Colħadd, tiegħu jagħmel bih l'irid.

O. Il ftit, sinjur, ħafna għal fkîr, għal mîn imut bil ġugħ, għall uliedi sofor lellux, itertru bil bard...

I. Geżù tiegħi! chemm għaks, jaħasra!

G. Dan m'hux seŭŭa jidħac b'ħija!

I. Li chelli mniex!... Iva, ittenna ftit, trid? nagħmel li nista (*joħroġ*)

G. Dan iblah! Dan ħija, balalu għall aħħar!

L. Balalu jien! ħakkni xebgħa, mort daħħaltec iddâr, sur E! fejn hu l'elf scût xogħol li ridt ittih?...

G. Jigifieri, eh, tindehes f'dâr ħaddieħor biex taparsi tatih ix-xogħol!... Jigifieri...

L. Li tlabtni chisra ħobż... li għidtli nħenn għalic... xiħaġa cont ntihielec... jien fkir ucoll, iva, imma cont nħenn għalic... għandi dakxejn ta sidrija,

tasseŭ illi mrekkgħa, cont ntihielec għall uliedec. Imma, tidħolli id-dâr għal għarrieda...

G. Jien, jien ridt ncun għalic! m'hux dac il balalu ta ħija.... Cont nuric, jien.... cont ndeŭŭkec daktejn!

O. Daktejn, eh?...

G. Mela, x'inhu: din imissha tcun il ħniena lejn mîn jidhirlu igħix fuk spallejn ħaddieħor l'imur jiemnu.

I. (*b'sorra f'îdu*) Aħjar minn dan ma għandix, jaħasra! Li għandi, gibtulec.

G. Mel'int iggennint?

I. Ħŭejjgi nagħmel bihom li jidhirli. Daŭn iż-żeuġt ilbiesi li għandi, gibthomloc, sinjur. Ftit u xejn mcheddin; imma... igħaddu... U daŭn il ħames scuti li faddalt... għax għâdni chemm daħħalthom, ħudhom ucoll.

G. Ħames scuti!

I. Ma tlabthomx lilec, Giŭl; għaliex tagħmel hecc?

O. Alla icattarlec għal ħniena tiegħec, sur Indrì. Int kalb ta anġlu: Alla iħallsec, ibni!

G. Il coll chelma ŭaħda, daŭn it-tallaba!

O. Tcun mbierec, ibni!... tcun mbierec!

I. Alla iŭasslec b'is-sliema, sinjur; mûr tihom ferħa lil daŭc l'imsejcnin uliedec... Imm'int kiegħed tirtogħod... Sinjur, xi ġralec?...

O. Ma niflaħx nżommx iżjed fuk riġlejja... Jumejn .. jumejn îli ma niecol... nħossni ser immut!

I. Ersak haŭn, sinjur; ejja jiecol chisra magħna... Lûk, akleb il caŭlata... okogħd haŭn, jien ma għandix għaġla (*jidħol Luka*)

G. Chif?... fil mejda magħna?... bakagħx?...

I. X'fiha din, ħija ; ma kalilniex Geżù illi il fokra xbieha tiegħu?

G. X'inhù?... x'inhù?... żeuġ lbiesi, ħames scuti... u minn fuk, jiecol magħna... bla ma tâf x'ħobż jiecol?...

I. Ma nafux mîn hu?... U xi trid tâf actar, Giŭl?... fkîr, bil ġugħ, għajjen...

L. (*jidħol bil caŭlata*) Haŭn, magħcom jien!

I. Iva, Giŭl, akbad jiecol, isa!

G. Jien?.. jecc int tlift moħħoc, jien le!

I. Jiecol, sinjur, jiecol, isa! (*jakliblu biex jiecol*)

O. F'ħajjietec, sinjur!... Ma haŭnx bħalec! Li chiecu zijuc chien jafec... chemm chien jifraħ bîc... chif chiecu igħannħec miegħu!... seŭseŭŭ chif ngħannkec jien u nibchi bil ferħ (*ikum f'dakka u bil ħleŭŭa igħannku ma sìdru*)

I. Imma... sinjur!... Int tafu, mela, l'iz-ziju?

O. Iva, Indrì... u ngħid nafux!... Ħobż u sicchina miegħu... nafu l'Ulanda...

G. Int?...

I. Ara, ara chif ħàbat!

O. Nafu, u nista ngħidilcom li raddeŭlu ħŭejjġu... ilaħħku ma't-tmenin elf lira!

IT-TLIETA. Tmenin elf lira?...

G. Issa la tħarrfilniex iżjed, ja xiħ l'int... Biżżejjed, isa, b'dan il ghideb tiegħec... jeŭ ħażin għalic!

I. Giŭl!... Giŭl, għaliex hecc?...

O. Ħażin għalic, int!... La trid tafha... zijuc dalŭakt icun haŭn... dalħin tarah kuddiemec... biex igħannak lil Indrì... u lilu biss, għaliex lilu biss tisthokklu l'imħabba ta zijuh.

I. Sinjur.. daks chemm kiegħed narac magħdur...

O. Haŭn, ejja, Indrì, ħalli ngħannkec ma sìdri, bin oħti il għażiża...

I. Int, mela, ħu ommi ?...

G. Int, iz-ziju ?...

L. Iz-ziju !!!

O. Jien, jien collni chemm jien! Ħares l'haŭn, Indrì; ara ftit hux dan l'ittratt t'ommoc ?... Ara humiex daŭn il carti tiegħi ?...

G. Int, int iz-ziju maħbub ?...

O. La tersakx lejja, għaliex int kalbec ħażina. Int ta bla ħniena, tittenniex ħniena minni ! Għaliex ma tibagħtnix il barra ?... għaliex ma tgherbibnix ma't-taraġ ?... għaliex ma'ddeŭŭaknix is-sŭat ?... Haŭn, int Indrì, u int biss; għaliex lilec biss, Indrì, nkisec bin il maħbuba oħti... Mn'issa il kuddiem int tcun ibni, u ħadd ħliefec... Int ħennejt għall mîn ħsibtu fkir: li għandi icun tiegħec, għax ma bakagħli lil ħadd minn niesi mîn jiritni !...

I. L'imħabba tiegħec, zi, tcun għalija l'akŭa gîd li tista ittini.

O. L'imħabba tiegħi, iva, u il gîd tiegħi ucoll, biex int tkassam minnu lil mîn hu fil fakar, u colħadd ibierchec għal ħniena tiegħec. Ejja miegħi; mn'issa ; id-dâr tiegħi, darec ; il gîd tiegħi, ħŭejjeġ xorta ŭaħda. Ejja immorru ...

I. Jien biss, zi ?... U ħija... le ?

O. Ħallih jibka haŭn billi faddal b'ix-xeħħa u irregħba tiegħu... ħallih jithenna ŭaħdu... Meta jibda jaħsibha xort'oħra... meta jibda iħenn għal fkir, ħalli mbagħd jigi jitlob maħfra il zijuh... u naħseb li kalbi tħenn għalih ucoll u ntih xiħaġa... Iżda, miegħi, int biss ejja, Indrì.

I. Le, jaħasra, zi; ŭaħdu ma'ttinix kalbi nħallih... ma nistagħx minnu ninfired. Dan ħija! L'ommi, kabel ma mietet, ŭegħidnieha li katt ma ninfirdu minn xulxin.

O. Ommoc?... dic oħti il għażiża?... U int ŭegħidtha?... (*idur lejn Giŭlju*) Ismagħ, Giŭl, dan hûc, daks chemm għandu kalbu ħanina, sebakni... ejja, iva, miegħu... imma, hu jibka is-sîd tal gîd tiegħi.

L. (*jinżel għarcubtejh kuddiem Ottavju*) U jien?... fi xjuħiti, sejjrin titilkuni f'nofs ta triek immut bil ġugħ, jeŭ nittallab chisra ħobż?... jien, Luka, daks chemm ħabbejtu lil dac l'anġlu ta tifel?... jien li bkajt miegħu ŭakt li chien fkir?...

O. Issa illi il ħhiena tiegħu rebbħitlu il għâna, int, Lûk, tibka miegħu ucoll.

(*Luka igħannak rcobtejn Ottavju; ŭakt li dan igħannak miegħu lil Indrì u lil Giŭlju li chien bakagħ fil genb, kalbu dejjka.*

Jinzel is-Siparju